VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

27 ta' Ġunju, 2014

ATT Nru. XXIII tal-2014

ATT li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi Kap. 517.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 517.

Żjieda ta' intestatura ġdida qabel l-artikolu 1 tal-Att prinċipali.

2. Minnufih qabel l-artikolu 1 tal-Att prinċipali, għandha tiżdied l-intestatura li ġejja:

"TAQSIMA I
Dispożizzjoniet preliminari".

Żjieda ta' intestatura ġdida qabel l-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 2 tal-Att prinċipali, għandha tiżdied l-intestatura li ġejja:

"TAQSIMA II
Twaqqif ta' Kummissarju għat-Taxxi".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "u jiġu eżerċitati minnu" għandhom jidħlu l-kliem "u kull referenza għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għall-Kontrullur tad-Dwana f'kull liġi għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għall-Kummissarju tat-Taxxi";

(b) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) tiegħu, għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(d) Il-Kummissarju jista', f'kull żmien, bi qbil mill-Ministru, jieħu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uħud minnhom, li jkunu ġew delegati taħt dan is-subartikolu. Avviż dwar it-teħid lura ta' funzjonijiet għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

(e) Meta l-Kummissarju jieħu lura funzjonijiet li kienu ġew delegati lil persuna oħra taħt dan is-subartikolu, huwa jieħu wkoll, minflok dik il-persuna, ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern fuq id-dokumenti, l-atti ġudizzjarji u l-azzjonijiet kollha magħmula, mibgħuta, preżentati, mibdija jew meħuda minn jew f'isem jew kontra dik il-persuna oħra bis-saħħa tal-imsemmija delega.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(8) Kull att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju u kull att ġudizzjarju preżentat minn kull persuna biex jiġi notifikat il-Kummissarju jew fi proċedimenti kontra l-Kummissarju skont jew għall-iskopijiet ta' xi att tat-taxxa, għandu juri b'mod ċar fl-intestatura, taħt l-isem tal-qorti jew tribunal fejn ikun ġie preżentat, l-att tat-taxxa inkwistjoni. Nuqqas ta' tħaris ta' din id-dispożizzjoni ma jikkostitwixxix raġuni għan-nullità tal-att ġudizzjarju jew proċedimenti ġudizzjarji inkwistjoni kemm-il darba n-nuqqas jiġi msewwi mill-parti li tippreżenta dak l-att kemm jista' jkun malajr wara li tkun ġiet ordnata tagħmel hekk minn dik il-qorti jew minn dak it-tribunal.

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma bla preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissarju li jassenja dmirijiet u jiddelega funzjonijiet lil uffiċjali fid-dipartimenti tat-taxxa u, meta dan ikun permess mil-liġi, lil persuni oħra, skont ma jkun meħtieġ biex huwa jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu kif imiss:

Iżda -

(a) assenjazzjoni jew delega kif ingħad bl-ebda mod ma tillimita s-setgħat, dmirijiet, drittijiet u funzjonijiet tal-Kummissarju taħt kull att tat-taxxa jew taħt dan l-Att;

(b) il-Kummissarju jista' jassenja jew jiddelega

lill-istess persuna funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' iktar minn att tat-taxxa wieħed jew mal-atti tat-taxxa b'mod ġenerali.

(10) Minkejja dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni tal-atti tat-taxxa jew ta' kull liġi oħra, l-uffiċjali li l-Kummissarju jkun iddelegalhom funzjonijiet skont is-subartikolu (4) għandhom jagħtu lill-Kummissarju dik l-informazzjoni, li tkun informazzjoni miġbura għal xi skop ta' att tat-taxxa, kif jista' jiġi ordnat mill-Kummissarju u l-Kummissarju jista' juża jew jawtorizza l-użu ta' dik l-informazzjoni u ta' kull informazzjoni oħra li jkun ġabar fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu għall-iskopijiet ta' kull att tat-taxxa ieħor.

(11) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1196 sa 1204 tal-Kodiċi Ċivili, it-tnejn inklużi, ma tista' ssir tpaċija ta' ebda dejn li jkun dovut skont att tat-taxxa lil jew mill-Kummissarju jew xi uffiċjal li l-Kummissarju jkun iddelegalu funzjonijiet skont is-subartikolu (4) kontra dejn li jkun dovut skont xi att tat-taxxa ieħor minn jew lill-Kummissarju jew l-uffiċjal l-ieħor kif ingħad:

Iżda tpaċija kif ingħad tista' ssir u din ikollha effett sa dak il-limitu u b'dak il-mod kif jista' jiġi approvat mill-Kummissarju jew kif jista' jiġi preskritt.".

Żjieda ta' taqsima u artikolu ġodda wara l-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 4 tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu t-Taqsima ġdida u l-artikolu ġdid li ġejjin:

"Taqsima III

Bord ta' Sorveljanza dwar ir-Remissjoni ta' Taxxa

Stabbiliment tal-Bord ta' Sorveljanza dwar ir-Remissjoni ta' Taxxa.

5. (1) Għandu jiġi stabbilit Bord, skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, li jkun imsejjaħ il-Bord ta' Sorveljanza dwar ir-Remissjoni ta' Taxxa (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ il-"Bord") sabiex jipprovdi sorveljanza fuq ir-remissjoni ta' ammonti dovuti lil dipartimenti tat-taxxi skont l-atti dwar it-taxxa.

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul minn *Chairperson*, li jkun maħtur mill-Ministru, li għandu jippresjedi fuq il-Bord u dak in-numru ta' membri li jkun mhux anqas minn tnejn jew aktar minn sitta li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jaħtar.

(3) Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Bord għandhom ikunu maħtura mill-Ministru bil-mod li ġej minn fost persuni li, fl-opinjoni tal-Ministru, għandhom esperjenza preċedenti u kwalifiki speċjali f'qasam ta' kompetenza partikolari li jaqa' fil-kompetenza tal-Bord:

(a) iċ-*Chairperson* għandu jinħatar minn fost persuni li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew impjegati fis-settur pubbliku; u

(b) il-membri tal-Bord għandhom ikunu maħtura wara li jkunu ġew approvati mill-Ministru minn lista li jista' biss ikollha uffiċjali pubbliċi u impjegati fis-servizz pubbliku sottmessa lill-Ministru mill-Kummissarju tat-Taxxi.

(4) Iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Bord għandhom ikunu maħtura għal terminu ta' tliet snin u għandhom jivvakaw il-kariga fit-tmiem tat-terminu tal-ħatra tagħhom sakemm il-ħatra tagħhom ma tkunx estiża jew imġedda.

(5) Mal-ħatra tagħhom, iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Bord għandhom jieħdu ġurament li sejrin iwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom b'mod imparzjali, b'mod ġust u skont il-liġi u li ma jikxfu ebda ħaġa li tiġi fl-għarfien tagħhom fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom ħlief fejn dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet jew fir-rigward ta' affarijiet konnessi magħhom jew għall-finijiet ta' konformità ma' ordni mogħtija mill-qorti jew organu kompetenti ieħor li jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji jew investigattivi taħt kwalunkwe liġi. Il-ġurament għandu jittieħed quddiem l-Avukat Ġenerali.

(6) Il-Bord għandu kemm jista' jkun jipprova jasal għall-konklużjonijiet tiegħu b'deċiżjoni unanima iżda meta deċiżjoni bħal din ma tistax tintlaħaq huwa għandu jaġixxi fuq maġġoranza ta' voti minn fost iċ-*Chairperson* u l-membri.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Ir-rapporti dwar il-konklużjonijiet tal-Bord dwar każijiet individwali jew dwar l-eżerċizzju ta' xogħol ta' natura ġenerali għandhom ikunu ffirmati miċ-*Chairperson* u għandhom jintbagħtu lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-aktar fis wara li jkunu ġew adottati. Fl-imsemmi rapport il-Bord jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet ta' natura ġenerali jew ta' natura speċifika.

(8) Il-Kummissarju tat-Taxxi għandu, wara li jkun eżamina rakkomandazzjoni tal-Bord, jirrapporta liċ-*Chairperson* tal-Bord fi żmien xahrejn billi jinfurmah dwar kull deċiżjoni finali meħuda fuq ir-rakkomandazzjoni.

(9) Il-Bord għandu, sat-30 ta' April ta' kull sena wara s-sena li fiha jkun maħtur, joħroġ rapport dwar l-attivitajiet li wettaq matul is-sena preċedenti. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni statistika fuq il-każijiet eżaminati matul il-perjodu ta' rapport.

(10) Iċ-*Chairperson* għandu jirċievi dik ir-rimunerazzjoni li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jiddetermina.

(11) Il-Ministru jista' b'ordni jistabbilixxi sezzjonijiet tal-Bord ta' Sorveljanza dwar ir-Remissjoni ta' Taxxa u jista' jsemmi dawk il-kategoriji ta' sorveljanza jew funzjonijiet partikolari li għandhom jiġu assenjati lil kull sezzjoni. Il-Ministru jista' b'ordni sussegwenti jemenda, jirrevoka jew jissostitwixxi tali ordni.

(12) Meta ċ-*Chairperson* jew membru tal-Bord jastjeni milli jpoġġi fuq il-Bord jew ma jistax jaġixxi xort'oħra, għandu jinħatar *Chairperson* jew membru ieħor mill-Ministru għall-Bord jew għal sezzjoni tiegħu u dan għandu jaġixxi minflok dak jew dik iċ-*Chairperson*.".

Żjieda ta' Taqsima ġdida u artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu t-Taqsima ġdida u l-artikolu ġdid li ġejjin:

"Taqsima IV
Mixxellanji

Applikabilità ta' dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Att tat-taxxa għal Att tat-taxxa ieħor.

6. (1) Bla ħsara għall-ġeneralità tal-artikolu 4, u bla ħsara għas-subartikolu (2), il-Ministru jista' jordna li dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-amministrazzjoni ta' Att tat-taxxa għandhom japplikaw b'dak il-mod u sa dak il-limitu kif jista' jiġi preskritt għall-iskop tal-amministrazzjoni ta' Att tat-taxxa ieħor u dawk id-dispożizzjonijiet għandhom għaldaqshekk jinqraw u jinftiehmu u jkunu jorbtu u jkollhom effett, *mutatis mutandis*, daqslikieku kienu dispożizzjonijiet provduti f'dak l-Att tat-taxxa l-ieħor.

(2) Regolamenti taħt is-subartikolu (1) jistgħu isiru dwar dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu maż-żamma, produzzjoni, ġbir u spezzjoni ta' kull informazzjoni, kotba u *records*.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

7. Minnufih wara l-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Tħassir tal-Att dwar it-Twaqqif tal-Kariga ta' Kummissarju tat-Taxxi Interni. Kap. 121.

7. L-Att dwar it-Twaqqif tal-Kariga ta' Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa b'dan imħassar.".

Emenda tal-artikolu 9B tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap. 123.

8. Minnufih wara l-artikolu 9B tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tieni proviso tas-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll fil-każ ta' assi kwalifikattivi li jkunu reġistrati taħt ir-Regolamenti tal-2014 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti, magħmula taħt l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, ir-referenzi għad-dati "31 ta' Marzu, 2005" u "1 ta' Jannar, 2005" fis-subartikolu (2) u "31 ta' Marzu, 2005" fis-subartikolu (3) għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-dati "4 ta' Novembru, 2013", "1 ta' Jannar, 2013" u "31 ta' Mejju, 2014", rispettivament.";

(b) minnufih wara l-aħħar proviso għas-subartikolu (4) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(5) Meta persuna tkun għamlet użu ta' dan l-artikolu fir-

VERŻJONI ELETTRONIKA

rigward tar-Regolamenti tal-2014 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti, kull telf imsemmi fl-artikolu 5(10)(a) u l-artikolu 14(1)(g) dikjarat fil-prospett tat-taxxa fuq l-*income* għas-sena ta' stima 2013 u għal kull sena ta' stima preċedenti, meta sottomess, ma għandux jinġarr 'il quddiem u paċut kontra l-*income* totali tal-imsemmija persuna għas-sena qabel is-sena ta' stima 2014 jew f'xi sena sussegwenti.

(6) (a) Persuna li tirċievi avviż ta' inkjesta msemmi fl-artikolu 13(7) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandha, fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' meta tirċievi l-imsemmi avviż, tibgħat lill-Kummissarju ċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni msemmi fir-regolament 9 tar-Regolamenti tal-2014 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti.

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-eżenzjoni skont l-imsemmi subartikolu ma tapplikax jekk il-persuna msemmija fil-paragrafu (a) ma tibgħatx l-imsemmi Ċertifikat fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' meta tirċievi l-imsemmi avviż:

Iżda li l-Kummissarju, meta jkun sodisfatt li l-imsemmija persuna ma setgħetx tibgħat l-imsemmi Ċertifikat fiż-żmien minħabba li ma kenitx Malta, mard jew kawża raġonevoli oħra, jista' jestendi ż-żmien kif ikun raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 165 tat-18 ta' Ġunju, 2014.

ANĠLU FARRUĠIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati